# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLIV**

**Att ta' Akkuza nru. 2/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Michael John Muliett**

**Illum, it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 2 tas-sena 2001;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentata fl-udjenza tas-26 ta' April, 2001, li permezz taghha l-istess Avukat Generali ceda u irtira l-aggravji ossia kwalifiki tal-**vjolenza** u tal-**mezz** fir-rigward ta' l-akkuza ta' komplicita` f'serq kif migjuba kontra l-imsemmi Michael John Muliett;

Semghet, fl-imsemmija udjenza tas-26 ta' April, 2001, lill-imsemmi Michael John Muliett jammetti l-htija tieghu skond l-Att ta' Akkuza kif modifikat bin-nota imsemmija, f'liema ammissjoni huwa ppresista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha, u dan kif rikjest bl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Krminali;

Tiddikjara lill-istess Michael John Muliett hati ta' komplicita` fid-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li taghmel maghha) u bil-hin, u cioe` talli ta istruzzjonijiet biex isir id-delitt, kif ukoll, b'xi mod li jkun xjentement ghen u assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, u xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkumpensah;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Angelo Farrugia ghall-hati u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi il-fedina penali tal-hati, iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, il-fatt li d-derubata kienet mara anzjana, kif ukoll is-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta' l-awturi tas-serqa;

hadet in konsiderazzjoni wkoll il-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni;

Semghet id-deposizzjonijiet ta' Louis Darmanin (26/4/01) u tal-Ispettur David Saliba (30/4/01) dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jigi precisat qabel xejn li l-piena applikabbli fil-kaz odjern, tenut kont tal-fatt li l-Avukat Generali irtira l-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz, u tenut kont ukoll tal-fatt li skond l-Att ta' Akkuza u skond l-atti processwali kullma insteraq kienu ghaxar liri, hija dik kontemplata fl-Artikolu 282 tal-Kodici Kriminali. Dana l-Artikolu jipprovdi testwalment illi "meta fis-serq akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 261, izda mhux dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn ghaxar liri, l-akkuzat jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur".

L-aktar fattur inkwjetanti f'dana l-kaz kollu hu dak ta' l-eta` tad-derubata Grazzja Busuttil. Din kienet mara ta' tnejn u disghin sena. Il-hati Muliett kien jaf li fid-dar fejn kellhom imorru jisirqu Christopher Cassar u Manwel Cachia kienet tghix din ix-xewjha. Mill-istqarrija tal-hati maghmula lill-Pulizija (fol. 101) jidher car li huwa intriga biex isib lil minn imur jisraq lill-imsemmija Grazzja Busuttil ghax ittama li jiggwadanja finanzjarjament fis-sens li jkun f'posizzjoni, wara s-serqa, li jiftah hanut tat-*take away*. Ghalkemm il-persuna li avvicinat lill-hati fl-ewwel lok u webblitu bis-serqa setghet kienet insistenti mieghu, din il-Qorti ma tarax li fuq il-hati giet ezercitata xi pressjoni li hu ma kienx kapaci jirresisti ghaliha. Kieku kien hemm tali forza barranija irresistibbli, kien ikun applikabbli l-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali u l-hati ma kienx, naturalment, jammetti l-htija tieghu. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-hati Muliett kien strumentali biex tigi vjolata d-dar tal-mara anzjana msemmija, u li din tinsteraq, ghalkemm fis-somma minima ta' ghaxar liri. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm piena ta' prigunerija b'effett immedjat, u li din il-piena tinghata fil-massimu li hu permess skond il-ligi.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-Artikoli 22, 42(b)(d)(e), 43, 45(b), 261(e)(f), 269(g), 270 u 282 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-imsemmi Michael John Muliett ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Muliett ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dana l-kaz.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur